MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 62/2023 LM

**Charles Cilia (K.I. nru. 23362(M))**
*('l-appellat')*

***vs*.**

**Air Malta p.l.c. (C 2685)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata soċjetà **Air Malta p.l.c. (C 2685)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fil-15 ta' Mejju, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3384/JHP

deċiżjoni nru. 2909, fejn it-Tribunal iddeċieda r-rikors tar-rikorrent **Charles Cilia (K.I. nru. 23362(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kif ġej:

> *"It-Tribunal Industrijal wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni finali tal-partijiet, fehem is-sitwazzjoni li kienet għaddejja minnha is-soċjetà intimata kif ukoll il-kumplessità tal-eżerċizzju ta' ristrutturar li kien qiegħed jitmexxa minn gruppi ta' nies inkluż kapijiet barranin.*
>
> *It-Tribunali u Qrati ma jidħlux fid-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu minn min qed immexxi r-ristrutturar iżda jaraw jekk l-eżerċizzju kienx jew seta' kien ivvizzjat b'xi mod, u li jitmexxa ma' kriterji li stabilixxew rwieħhom matul il-kambjament tal-kamp tax-xogħol fejn ristrutturar l-organizzazzjonijiet sar l-ordni ta' kuljum.*
>
> *It-Tribunal Industrijali innota parti mit-trattazzjoni finali tal-istess soċjetà intimata fejn gie mistqarr li Detto* "is-Sur Cilia jista' jgħid illi forsi ma kienx l-aħjar mod kif jigi infurmat bit-terminazzjoni tiegħu.  U hawn hekk forsi nikkonċedi ftit.  Forsi l-affarijiet setgħu saru daqsxejn b'mod differenti aħjar ______ " *(trattazzjoni finali l-Avv A. Borg. Pag 5).*
>
> *Non e stante li kemm fid-dokumentazzjoni kif ukoll fix-xhieda mogħtija matul il-proċess intwera li s-soċjetà għaddiet minn ristrutturar qawwi u rigoruż, xorta waħda b'din l-istqarrija intefa' dubju li l-metodu li wasslu għat-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrent setgħu isiru aħjar, għaldaqstant t-Tribunal jemmen li d-dubju irid jittieħed favur ir-rikorrenti.*
>
> *It-Tribunal Industrijali jaqta' u jiddeċiedi li filwaqt li jifhem li l-eżerċizzju tar-ristrutturar fih innifsu kien raġonevoli però t-terminazzjoni tar-rikorrenti ma kienetx waħda ġusta għalhekk jordna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas kumpens ta' ħamsa u għoxrin elf euro (25,000 euro) lir-rikorrent, fi żmien tlett xhur minn din id-deċiżjoni.*
>
> *Dan il-każ huwa magħluq.*
>
> *... B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol."*

## <u>Fatti</u>

2. L-appellat kien impjegat *full-time* mas-soċjetà appellanta fl-1 ta' April, 2012 fil-grad ta' *Head of Sales & Regions,* iżda filfatt huwa kien ilu sa minn Ġunju

1992 impjegat mal-imsemmija soċjetà appellanta, meta kien daħal bħala skrivan. Il-kuntratt ta' impjieg tiegħu ġie tterminat fit-22 ta' April, 2015 għaliex allegatament il-pożizzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi mneħħija, u għalhekk ir-raġuni li ngħata kienet dik ta' *redundancy.*

**Mertu**

3. L-appellat għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-3 ta' Awwissu, 2015, permezz ta' rikors fil-konfront tas-soċjetà appellanta, fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

> *"...it-Tribunal Industrijali jieħu konjizzjoni tar-rikors odjern, tad-dokumenti u tad-Dikjarazzjoni hawn annessa, jisma' l-provi kollha li ser jitressqu u jiddeċiedi l-kawża li qed jagħmel l-esponenti dwar allegat tkeċċija nġusta u dan kollu fit-termini tal-liġi hawn fuq imsemmija u mingħajr preġudizzju għal kull deċiżjoni oħra li tista' tingħata skont il-liġi, inkluż f'każ illi t-Tribunal isib illi l-esponenti għandu raġun, illi jiġi ffissat kumpens xieraq u ġust."*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet billi ppreżentat r-risposta tagħha fit-13 ta' Ottubru, 2015, fejn sostniet kif ġej:

> *"1) Illi l-impjieg tar-rikorrent bħala* Head of Sales and Regions *mas-soċjetà intimata ġie terminat b'effett mit-22 ta' April 2015 għal raġunijiet tajba u suffiċjenti fil-liġi minħabba li l-kariga tiegħu ġiet abolita wara eżerċizzju akkurat ta' ristrutturar, partikolarment fid-Dipartiment Kummerċjali, li s-soċjetà esponenti kienet kostretta tagħmel fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja tagħha, u konformement mal-pjan maqbul mal-Kummissjoni Ewropeja (hekk imsejjaħ Rescue Plan), u sabiex tibqa' kompetittiva mal-ħtiġijiet ġodda tas-suq.*
>
> *2) Illi s-soċjetà intimata kellha taddatta u tbiddel l-istrateġija kummerċjali tradizzjonali tagħha biex tkun aktar kompetittiva, billi:*
>
> *a. il-kompetituri prinċipali tagħha ma baqgħux il-*legacy airlines, *bħall-British Airways jew Lufthansa, iżda saru l-linji tal-ajru dinamiċi bħal Ryanair u Easyjet u*

*oħrajn bħalhom, fejn dawn jaħdmu fuq* employees to aircraft ratio *baxx ħafna aktar minn dak tas-soċjetà intimata;*

*b. il-*consumer behaviour *illum inbidlet, u għalhekk is-suq iddetta li l-bejgħ tal-biljetti tal-ajru qed isir fil-maġġor parti tramite* online booking, *u għalhekk tali bejgħ u l-promozzjonijiet (*marketing) *m'għadux isir l-aktar bil-mezzi tradizzjonali u minn* regional sales offices.

*ċ. illi din l-era ġdida ta' bejgħ tal-biljetti tal-ajru* online *u l-promozzjoni tal-istess permezz tal-użu tal-*internet *wassal biex l-importanza u r-rilevanza tas-*sales regional offices *naqsu drastikament, tenur kont ukoll illi ż-żamma ta' dawn l-uffiċini, inkluż dawk barra minn Malta, kienu ta' spiża konsiderevoli u mhux sostenibbli għas-soċjetà esponenti.*

*3) Illi dankollu wassal biex il-kariga tar-rikorrent bħala* Head of Sales and Regions *kellha tiġi abolita u r-responsabilitajiet residwali li kienu marbuta mal-kariga, ġew assorbiti komodament miċ-*Chief Commercial Officer *u mid-deputat tiegħu. B'hekk ukoll is-soċjetà esponenti llum għandha struttura aktar effiċjenti, aktar linejari u għandha strateġija kummerċjali aħjar, immirata prinċipalment għall-bejgħ u promozzjoni virtwali fis-setturi ta'* business to business *u* business to customer.

*4) Illi għalhekk l-abolizzjoni tal-kariga tar-rikorrent bħal ta' oħrajn, saret ġenwinament u validament skont il-liġi, u l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li tkeċċa għal motivi ulterjuri qed jiġu kategorikament respinti.*

*Bl-ispejjeż."*

## <u>Id-deċiżjoni appellata</u>

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

***"7.1 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:***

*It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjoni tiegħu f'dan il-każ partikulari ħares lejn dawn l-aspetti u żamm quddiemu l-Artikolu 80(1) tal-Kap 452 fejn jitkellem*

*"Fl-għoti tas-sentenza, deċiżjoni jew parir, it-Tribunal jista' jqis il-politika soċjali u* ***Ekonomika*** *u il-prinċipju tal-ġustizzja soċjali li jkunu jipprevalu fiż-żmien tal-pronunzjament tiegħu jekk jqis illi dawn ikunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-każ li jkollu quddiemu.*

*(a) Dan kien ristrutturar **Sui Generis** għax bħala kumpanija semi-governattiva dan l-eżerċizzju kien impost fuq is-soċjetà sic gvern mill-Unjoni Ewropeja.*
*(b) Dan kien eżerċizzju li l-pajjiż kollu kien jaf bih u kien fuq fomm kulħadd.*
*(c) Il-kuntest ta' dan ir-ristrutturar kien qiegħed isir fl-isfond ta' 'telf finanzjarju kbir li seta' jhedded l-eżistenza tal-istess soċjetà intimata b'riżultat ta' terminazzjoni mill-impjieg għall-impjegati kollha. (l-aspett (Ekonomiku), kif ukoll effetti indiretti oħra fis-soċjetà in ġenerali.*
*(d) L-eżerċizzju ta' ristrutturar li minnu intlaqat r-rikorrenti kien wieħed minn sensiela ta' eżerċizzji u li kienu obbligatorji mill-EU u li l-istess rikorrenti kellu parti attiva fl-implimentazzjoni tagħhom.*
*(e) Matul is-snin 2006 u 2012 kienu ġew implimentati eżerċizzji ta' mass Redundancies li kienu ikkumplimentati b'diversi skemi ta' irtirar kmieni jew irtirar volontarju, u li kienu dejjem prerogattiva tas-soċjetà intimat ta' min seta' jikkwalifika jew le. Dan irriżulta li kien hemm tnaqqis fil-gradi kollha minn fuq għal isfel.*
*(f) Filwaqt li beda isir dan l-eżerċizzju ġew maqbula tlett ftehimiet kollettivi ta' tlett setturi importanti għal dawk l-impjegati li baqgħu jaħdmu mas-soċjetà u li kienu ilhom ma jiżdiedu fil-paga tagħhom minħabba ir-Rescue plan tal-E.U.*
*(g) Dawn l-eżerċizzji ta' ristrutturar ġew maħluqa u mmexxija minn diversi kapijiet eżekuttivi barranin li kienu kollha esperti fi tmexxija ta' linji tal-ajru simili bħas-soċjetà intimata. (sitt persuni barranin esperti fil-qasam tal-avjazzoni)*
*(h) Kien fatt pubbliku li dawn il-pjanijiet fallew fl-għan tagħhom, iżda in vista li s-soċjetà intimata kienet waħda importanti fl-aspett tal-konnettività minħabba l-insularità tal-pajjiż, xorta baqgħu jsiru tenttativi sabiex din is-soċjetà tibqa' tiffunzjona. (Rif l-aspett politku/socjali)*
*(i) It-Tribunal innota li r-rikorrenti bit-tip ta' kuntratt individwali ma kienx jaqa' taħt l-ebda ftehim kollettiv.*
*(j) It-Tribunal kellu ir-responsabbiltà li jara li iżomm bilanċ bejn id-dritt neċessarju għall-ħidma ekonomika tas-soċjetà intimata u id-dritt tar-rikorrent li ma jkollux il-kuntratt tiegħu itterminat unilateralment. (L-aspett tal-ġustizzja soċjali)*
*(k) It-Tribunal ta importanza sħiħa sabiex jinnota dawk il-fatturi li kienu jew li ma kienux kunsiderati, u x'piż ingħata fil-kunsiderazzjonijiet. (Pickwell vs Camden London Borough Council 1983)*
*(l) It-Tribunal Industrijali fela bir-reqqa il-passi li is-soċjetà intimata kienet ħadet il-fatturi kollha rilevanti kif ukoll dawk irrilevanti sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha, sabiex waslet għat-terminazzjoni tar-rikorrent."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2023 fejn qiegħda titlob għat-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni appellata, filwaqt li jiġu milqugħa l-aggravji tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) it-Tribunal għamel interpretazzjoni inkoerenti; (b) ma kienx hemm motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata, li hija waħda żbaljata, u tmur kontra l-elementi ta' dak li jikkostitiwixxi tkeċċija nġusta; u (ċ) il-kumpens mhux proponibbli.

7. L-appellat wieġeb fil-31 ta' Ottubru, 2023, fejn talab sabiex l-aggravji tas-soċjetà appellanta jiġu miċħuda, filwaqt li tiġi kkonfermata d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell odjern huwa ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, liema kwistjoni qiegħda tiġi ssollevata mill-appellat bħala punt preliminari. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, l-appellat jissottometti li aggravju li huwa msejjes fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal, u kif dan wasal għall-konklużjonijiet tiegħu, ma jikkostitwixxiex appell fuq punt ta' liġi. Huwa saħansitra jmur oltre, u jikkontendi li dak li qiegħda titlob hawnhekk is-soċjetà appellanta huwa sabiex din il-Qorti tgħarbel il-provi għaliex dan proprju ma sarx sew mit-Tribunal. Isostni li fi grad ta' appell, dan l-eżerċizzju jikkostitwixxi l-

eċċezzjoni u mhux ir-regola, u għandu jsir biss f'ċirkostanzi estremi fejn l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel qorti tassew ma jkunx sar tajjeb.

9. Il-Qorti tgħid li l-appellat għandu raġun. Tikkunsidra li s-soċjetà appellanta saħansitra tiftaħ mill-ewwel is-sottomissjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju, fuq il-kwistjoni tal-eżerċizzju ta' ristrutturar li allegatament għamel neċessarju t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, u dak ta' mpjegati oħra tagħha. Tgħid li t-Tribunal kellu jinvestiga jekk tassew kienitx seħħet 'tkeċċija nġusta', billi jiddeċiedi jekk ir-ristrutturar imsemmi kienx wieħed ġustifikat, u tissottometti li dan għamlu u sab li ma kien hemm l-ebda motiv għat-tkeċċija, għajr l-imsemmi ristrutturar, u tikkontendi li għalhekk it-terminazzjoni ta' impjieg tal-appellat kienet waħda ġustifikata. Il-Qorti tikkunsidra li dan kollu jolqot biss il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet, u s-soċjetà appellanta mhijiex qiegħda tissolleva l-ebda punt ta' liġi li għandu jiġi deċiż minn din il-Qorti. Barra minn hekk, jekk tipprova tagħmel l-argument li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata kien inkoerenti, is-soċjetà appellanta qiegħda tolqot l-interpretazzjoni tal-fatti li saret mill-imsemmi Tribunal. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju ċertament huwa inammissibbli.

10. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta jidher mal-ewwel daqqa t'għajn li jolqot punt ta' liġi, għaliex tibda billi targumenta li t-Tribunal kien kontradittorju fl-aħħar parti tad-*decide,* u saħansitra dan wassal sabiex id-deċiżjoni tiegħu mhijiex motivata tajjeb. L-argument prinċipali tas-soċjetà appellanta hawnhekk huwa li t-tmiem tal-impjieg kien neċessarju, u saħansitra ġustifikat bħala element tal-eżerċizzju ta' ristrutturar. Hija tinsisti li t-Tribunal straħ fuq dak li kien ġie ssollevat waqt it-trattazzjoni dwar il-komunikazzjoni tat-tmiem tal-

impjieg, fejn din setgħet saret b'mod aħjar. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa wkoll dwar nuqqas ta' motivazzjoni, din id-darba fir-rigward tal-kumpens li t-Tribunal illikwida favur l-appellat. Hija tgħid li ma tistax tifhem kif it-Tribunal wasal għas-somma likwidata, stante li ma kien hemm l-ebda prova jew talba għal somma fissa.

11. Il-Qorti tagħraf li tassew fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal pjuttost straħ fuq il-metodu applikat sabiex intemm l-impjieg tal-appellat, wara li kkunsidra dak li kien qal l-avukat difensur tas-soċjetà appellanta fit-trattazzjoni finali dwar il-komunikazzjoni tat-tmiem tal-impjieg lill-appellat. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal kellu jindaga dwar it-tmiem tal-impjieg proprju, u mhux biss dwar il-metodu adoperat sabiex din l-informazzjoni tiġi kkomunikata lill-appellat. Barra minn hekk, fejn it-Tribunal stabbilixxa s-somma tal-kumpens li ddeċieda li għandha titħallas lill-appellat, huwa naqas milli jagħti l-motivazzjoni sħiħa tiegħu dwar kif wasal għall-imsemmija somma. Il-Qorti tikkunsidra li mingħajr motivazzjoni xierqa, l-partijiet ikunu qegħdin jiġi mċaħħda mhux biss minn kull raġuni li tkun wasslet lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu, iżda wkoll mid-dritt ta' appell jekk dan ikun il-każ.

12. Għaldaqstant il-Qorti ssib dawn iż-żewġ aggravji ġustifikati, u tilqagħhom.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, tilqa' t-tieni u t-tielet aggravji tagħha, u filwaqt li tibgħat l-atti lura quddiem it-Tribunal, tordnalu sabiex jispjega l-**

**motivazzjoni tiegħu kemm fir-rigward ta' kif huwa wasal sabiex iddeċieda li l-appellat tkeċċa mingħajr kawża ġusta, u anki dwar kif huwa llikwida l-kumpens ta' €25,000 pagabbli mis-soċjetà appellanta lill-istess appellat, wara li jieħu konsiderazzjoni ta' dak kollu li qalet din il-Qorti f'din is-sentenza, u josserva wkoll dak li jgħid l-artikolu 81(2) tal-Kap. 452.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu in kwantu għal terz (1/3) a karigu tas-soċjetà appellanta, u in kwantu għar-rimanenti żewġ terzi (2/3) a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**